# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 268/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Adrian Caruana**

Illum 22 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Adrian Caruana**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 370674(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-25 ta' Settembru 2012 għall-ħabta tal-10.30am waqt li kien bid-dgħajsa bl-isem Stella Del Mare II u fid-distanza ta' 21 mil fil-Grigal ta' Marsaxlokk:

1. kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

2. fl-istess data, ħin u lok, għamel lil ħaddieħor theddid bil-kliem;

3. fl-istess data, ħin u lok, l-imġieba tiegħu kkaġunat lil ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1);

4. fl-istess data, ħin, u lok fil-waqt li kien qed jagħmel reat kontra s-sigurta' tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjeta' (minbarra ħsara involontarja fil-proprjeta') jew fil-waqt li kien qed jiġi arrestat għal delitt, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-31 ta' Mejju 2018 fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-liġi, ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni u lliberatu minnhom iżda sabitu ħati tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni u kkundannatu xahar priġunerija sospiża għall-perjodu ta' sentejn b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. *Ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ħarġet Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-kwerelant Wagih Mohamed Elghaly Fahmy Abouhegazy skont l-Ordni annessa mas-sentenza appellata.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-19 ta' Ġunju 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata billi filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *fil-parti fejn ma*

*sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u ddikjaratu mhux ħati tagħhom; filwaqt li* ***TĦASSARHA U TIRREVOKAHA*** *in kwantu għat-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjoni, tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom; u fin-nuqqas ta' dan* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2023, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellha xejn aktar xi żżid mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u rat li l-konsulent legali tal-appellant ma ppreżentat l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet kif mistiedna tagħmel fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2023.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti dwar dan il-każ prinċipalment jirrigwardaw kwistjoni bejn żewġ sajjieda li jidher li eskalat waqt li kienu fuq id-dgħajjes rispettivi tagħhom madwar wieħed u għoxrin mil nawtiku mill-kosta ta' Malta. Jingħad li l-appellant lemaħ id-dgħajsa tal-parti l-oħra fl-inħawi fejn jgħid li kellu apparat tas-sajd pjantat proprju fuq dik iż-żona kif liċenzjat u għalhekk saq għal fuq dik iż-żona u hemm allega mal-kaptan l-ieħor li kien għamillu l-ħsara fl-armar. F'dak il-mument ġie viċin ħafna tad-dgħajsa l-oħra, missier l-appellant tefa ħabel fl-ilma bil-ħsieb li dan jinqabad mill-iskrun

tal-dgħajsa l-oħra u l-appellant refa' senter li jgħid li kien immitazzjoni u bih hedded lill-kaptan l-ieħor.

Illi qabel tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali.

Illi fl-atti proċesswali jirriżultaw, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Mill-provi akkwiżiti jirriżulta illi l-kaptan Wagih Mohamed Elghaly Fahmy Abouhegazy kien mitkellem dwar l-inċident minnu rappurtat. Kien mitkellem ukoll sid il-kumpanija tal-bastiment tas-sajd Stella del Mare Limited u rriżulta li waqt li l-kaptan kien qed jistad bit-*trawler* kien avviċinat minn lanċa tal-injam u li ċertu Adrian Caruana (l-appellant) beda jgħidlu biex ma jibqax jaħdem fejn kien qiegħed. Il-kaptan kien informa lill-appellant li fil-post ma kienx hemm ċimi iżda fil-pront hu (l-appellant) kien ħareġ bis-senter u r-raġel l-ieħor li kien fuq il-lanċa tal-appellant tefa' ħabel madwar it-*trawler* tal-kaptan biex b'hekk huma jieħdu l-iskrun iżda dan ma rnexxiex.

- L-appellant Adrian Caruana ddikjara mas-Surġent li huwa u missieru kienu fuq il-bastiment tiegħu Anna Marie u mir-*radar* raw li t-*trawler* kien ġol-kannizzata ta' fejn hemm il-luzzu tiegħu. Huma marru biex iwaqqfuhom iżda ma tawx każhom u lanqas wieġbu fuq il-VHF. Jgħid li hu ħareġ b'senter tal-plastik biex ibeżżagħhom. Ma jafx jekk qalilhomx li kien ser jispara għax dan la kien senter ta' veru u lanqas kellu skrataċ u minkejja dan baqa' għaddej ikaxkar ix-xibka. L-appellant ċaħad li hu kien kellmu ħażin. Skont l-appellant, id-Dipartiment tas-Sajd kien waqqaf kemm-il darba lil dan il-kaptan biex hu ma jagħmilx dak ix-xogħol ġol-kannizzati tal-lampuki. Kien id-Dipartiment tas-Sajd li jagħtihom il-pożizzjoni tagħhom fejn setgħu jitfgħu l-kannizzati tagħhom. Imma l-Kaptan kien baqa' jaħdem hemm u kien qattgħalhom

il-kannizzati u b'hekk baqgħu b'xejn dak l-istaġun. Mill-ewwel kien beda jsib il-ħsara wara ftit li poġġa l-kannizzati.

- **Henry Caruana** kkonferma li kien hu li tefa' l-ħabel iżda d-dgħajsa l-oħra xorta baqgħet sejra għaliex kien qabdu l-ħabel bil-ganċ.

- Il-kwerelant **Wagih Mohamed Elghaly Fahmy Abouhegazy** xehed li huma joħorġu jistadu bix-xibka u kien jaf lill-appellant għaliex kien fuq id-dgħajsa li marret fuqhom. Jgħid li huwa ra lill-appellant fuq il-*bridge* tad-dgħajsa b'senter kannella f'idejh u bil-kanna twila u li kien hemm distanza ta' madwar għoxrin pied bejniethom. Jgħid li l-appellant kellmu ħażin imma ma ftakarx x'qallu. Qallu li kien qatagħlu ċ-ċima iżda hu ma kien qata' xejn.

- L-appellant **Adrian Caruana** xehed li kellu l-permess biex jaħdem l-istaġun tal-lampuki u li d-Dipartiment kien avża lill-kwerelant biex ma jaħdimx f'dik il-biċċa baħar iżda dan baqa' jaħdem hemm u qata' ċ-ċimi ta' sajjieda oħrajn. Jixhed li kien sab żewġ ċimi maqtugħa u li l-kwerelant kien qallu li mhux ser jerġa' jagħmilha iżda kien qatagħhomlu għal darba, tnejn. Jgħid li beda jimmira s-*senter* lejn il-*wire* tat-tkaxkir u xorta ma riedx jieqaf. Jgħid ukoll li waddbulu l-ħabel u li l-kwerelant qabdu u baqa' sejjer. Meta kien mistoqsi jgħid jekk hu kienx offenda lill-kwerelant, wieġeb li ma kienx f'pożizzjoni li jgħid x'għamel għaliex kien għadda ż-żmien imma jista' jkun li kien offendieh. Jgħid li ma kellux permess għas-senter tal-plastik.

- **Francis Caruana** mid-Dipartiment tas-Sajd xehed li kien jaf kemm lill-appellant kif ukoll lill-kwerelant. Jixhed li kien irċieva lment fil-konfront tal-kwerelant fiż-żmien is-sajd għall-lampuki in konnessjoni mal-kannizzati għaliex l-appellant u, jekk ix-xhud ma kienx sejjer żball, kien sar xi rapport dwar xi ħsara li seħħet mill-kwerelant. Jgħid li l-ilment kien sar minn Adrian Caruana, missieru u bastimenti oħrajn. Fi żmien il-lampuki kienu jsiru ħafna lmenti mis-

sajjieda li jkollhom iċ-ċimi li kienu jirrapurtaw lill-bastimenti tat-tkaxkir. Huwa kien laqqa' lill-kwerelant u lill-appellant fl-uffiċju tiegħu sabiex jilħqu kompromess u l-ilmenti waqfu. Huwa ma kienx ra l-ħsarat u lanqas daħal fil-kwistjoni tal-ħsarat.

**Ikkunsidrat**

Illi apparti l-gravami mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm mismugħa minn din il-Qorti diversament preseduta l-konsulent legali tal-appellant osservat skorrettezza li tgħid li għandha tkun sollevata mill-Qorti għaliex għandha effett fuq il-proċedura kontra l-appellant. Din l-allegata skorrettezza tinkonsisti fil-fatt illi l-appellant kien imputat li għamel dak allegat waqt li kien fuq id-dgħajsa Stella Del Mare II meta din id-dgħajsa hija dik misjuqa mill-parti l-oħra u għalhekk ma seta' qatt kien fuq id-dgħajsa msemmija.

Illi riferenza ser issir għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Diċembru 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Glenn Debattista** (Numru 9/2003) fejn din il-Qorti diversament preseduta rriteniet is-segwenti:

> "Kif ukoll ġie ritenut diversi drabi, minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX ta' l-1911, iċ-ċitazzjoni baqgħet xorta waħda sempliċi "*avviso a comparire*" u mhux il-bażi ta' l-imputazzjoni; l-imputazzjoni tiġi formalment magħmula fl-istadju kontemplat fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu *(i)* tal-Artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali, reż applikabbli għal proċeduri *ex officio* bil-paragrafu (c) tal-Artikolu 375 (u fil-każ tal-Qorti Istruttorja, meta r-rapport jiġi konfermat bil-ġurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'pożizzjoni li jkun jista' jiddefendi ruħu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawżi sommarji huwa jressaq il-każ u l-provi tiegħu fl-istess ġurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tingħata wkoll f'dik il-ġurnata (Art. 377(1)). Għalhekk, jekk "il-fatti ta' l-

> akkuża" ikunu ġew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jiġi verament akkużat, sia għal dawk li huma fatti u sia għal dik li hija liġi, huwa jista' jew iġib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar ċara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun għalqet il-każ tagħha – u allura l-imputat ikun ċertament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jiġu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu. Mid-diversi verbali reġistrati quddiem il-Qorti Inferjuri imkien ma hemm l-iċken indikazzjoni li l-appellant, allura imputat, ma kienx jaf, jew ma setax ikun jaf wara d-deposizzjoni tax-xhieda prinċipali WPS Marisa Bartolo u l-Ispettur Stephen Mallia, x'kienu l-fatti li kienu qed jiġu imputati fil-konfront tiegħu. Għalhekk ukoll b'ebda mod ma jista' jingħad li l-appellant ġie preġudikat fid-difiża tiegħu."

Illi din il-Qorti tinnota li s-sentenza li saret riferenza għaliha hawn fuq hija ċara dwar il-funzjoni taċ-ċitazzjoni u din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tiddipartixxi minnha. B'hekk, tenut kont ta' dak li għadu kemm ingħad, din il-Qorti mhijiex tal-istess fehma tal-appellant għaliex, kif diġà ngħad, huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza illi ċ-ċitazzjoni hija *un avviso di comparire* u waqt il-proċess ħareġ ċar biżżejjed li l-appellant kien il-kaptan tad-dgħajsa Anna Marie u għalhekk kellu biżżejjed informazzjoni sabiex ikun jaf dwar ir-reati li bihom kien mixli u jħejji d-difiża tiegħu. B'hekk din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha *marte proprio* tissolleva dan il-fatt bil-għan li tipprolata deċiżjoni dwaru.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jallega apprezzament żbaljat tal-provi mill-Ewwel Qorti. F'dan l-ewwel aggravju l-

appellant jilmenta mill-fatt li oltre l-Pulizija, ix-xhieda kienet tikkonsisti fil-kwerelant, l-appellant u Francis Caruana prodott mill-istess difiza u jallega li l-kwerelant ma kien xejn konsistenti.

Illi huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi din il-Qorti xorta għamlet analiżi tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti kif jirriżulta mis-sommarju li sar aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi eżaminata d-depożizzjoni tal-kwerelant, ma hemm xejn x'jindika l-inkonsistenza li qed jallega l-appellant b'mod li din il-Qorti jkollha twarrab id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti f'materja li kellha kull kull dritt temmen xhud minn ieħor. L-appellant jikkritika l-fatt li l-Pulizija ma għamiltx tfittxija għall-allegata arma. Dan l-argument, iżda, hu destinat li jfalli għaliex l-Ewwel Qorti għażlet li toqgħod fuq il-verżjoni tal-kwerelant u kien l-

istess appellant li quddiem l-Ewwel Qorti kkonferma bil-ġurament tiegħu li kien refa' *senter* tal-plastik fil-konfront tal-kwerelant.

Illi l-appellant iressaq ukoll is-segwenti argument (*a fol.* 91): "*Illi l-Qorti li trid tapprezza hu l-fatt li l-esponent kien ilu jkun provokat, u l-kwerelant baqa' dejjem jisfidah, u huwa għalhekk li l-esponent kellu jipprova jbeżżgħu biex forsi jieqaf, minkejja li fil-verita' l-esponent qatt ma ried u seta' jweġġa' lill-istess kwerelant*". Għandu jingħad li din hija l-ewwel darba li l-appellant qed jissoleva d-difiża tal-provokazzjoni għaliex kif tista' tifhem din il-Qorti, il-linja difensjonali tiegħu kienet dik tal-leġittima difesa li dwarha trattat fit-tul l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Għalhekk ma hemmx raġuni għaliex din il-Qorti għandha issa tidħol fl-elementi tal-provokazzjoni la darba mhux mqajma fl-istadju proprju sabiex ikun trattat u deċiż mill-Ewwel Qorti.

Illi fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tiċħad il-linja difensjonali tiegħu tal-leġittima difesa, l-appellant jgħid hekk (*a fol.* 91): "*sfortunamentament, l-Ewwel Onorabbli Qorti, qieset biss illi l-esponent seta' qabad u telaq minn fejn kien; pero' bir-rispett kollu l-Ewwel Onorabbli Qorti ma qiesitx il-fatt li l-esponent kien qiegħed fuq il-baħar fuq xogħlu u għaldaqstant ma kienx daqhekk faċli li jaqbad u jitlaq 'l hemm meta dan kien qiegħed ikollu lill-istess peruna jqarraqlu [**recte**: jgħarraqlu] l-proprjeta' tiegħu; u huwa għalhekk li l-esponent mar sabiex jiddefendi l-proprjeta' tiegħu stess*". Dwar dan, għalkemm din il-Qorti mhijiex daqstant konvinta li l-Ewwel Qorti kellha tinoltra fuq l-elementi tal-leġittima difesa fuq kwistjoni konsimili, il-kritika tal-appellant bl-ebda mod ma tiġġustifika konsiderazzjonijiet minn din il-Qorti biex tirraviva favorevolment din il-linja difensjonali.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Jisħaq li din il-piena hija waħda eċċessiva u lanqas ma hi fil-parametri tal-liġi.

Illi din il-Qorti tinnota li apparti l-fatt li l-piena kominata hija fil-parametri tal-ligi, Artikolu 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta jeskludi l-applikazzjoni tal-Att dwar il-*Probation* u ta' Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet kostretta tikkalibra l-piena b'dawn l-esklużjonijiet. Għalhekk ma hemm l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena. Konsegwentement it-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Adrian Caruana u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi t-termini ta' Artikoli 28A u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta imposti mill-Ewwel Qorti jibdew jiddekorru mil-lum. Din il-Qorti għaddiet biex tispjega fi kliem ċar l-obbligi tal-appellant naxxenti minn Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u x'inhuma l-konsegwenzi ta' ksur ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**